**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR182771** **22.12.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Laqgħa għas-sindki fil-Parlament ta' Malta***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia mexxa laqgħa għas-sindki fil-Parlament ta' Malta. Din il-laqgħa saret sabiex tfakkar il-25 sena mit-twaqqif tal-kunsilli lokali f'Malta u Għawdex. Il-parteċipanti kellhom l-opportunità sabiex jiddiskutu din l-esperjenza u jaqsmu l-ideat ta' kif għandu jissaħħaħ il-gvern lokali għall-ġid tal-komunitajiet fil-bliet u rħula fil-gżejjer Maltin.

Matul din il-laqgħa, is-sindki ddiskutew din l-aġenda:

- *White Paper*: Riforma fil-gvern lokali
- Id-deċentralizzazzjoni tal-poter mill-gvern għal għand il-kunsilli lokali
- L-użu tal-fondi Ewropej
- Affarijiet oħra relatati mal-gvern lokali f'pajjiżna

Fl-indirizz tiegħu, l-Ispeaker ta ħarsa lura lejn din l-esperjenza ta' gvern lokali u ddeskriviha bħala żvilupp pożittiv fil-qasam politiku f'Malta. Permezz tal-kunsilli lokali, ir-residenti kisbu l-għarfien tal-liġi fit-tmexxija tal-lokalitajiet tagħhom. Flimkien mar-rappreżentanti tagħhom – sindki u kunsilliera – l-abitanti qed jagħtu l-kontribut tagħhom fid-deċiżjonijiet amministrattivi tal-lokal tagħhom. Hu saħaq fuq l-awtonomija fit-tmexxija tal-kunsilli lokali u elenka l-prinċipji bażiċi msemmija fil-Karta Ewropea dwar it-Tmexxija Awtonoma tal-Kunsilli Lokali, 1985.

Huwa wkoll semma' l-isfidi li jinġiebu minħabba d-deċentralizzazzjoni tal-poter għal għand il-kunsilli lokali. Fost dawn huwa l-finanzjament sostnut sabiex ikunu provduti s-servizzi meħtieġa lill-lokalitajiet. F'dan il-kuntest, il-proposta sabiex jitwaqqfu l-kunsilli reġjonali sabiex jiżguraw aktar effiċjenza fil-provvista ta' servizzi essenzjali lill-kunsilli lokali għandha tkun ikkunsidrata b'mod favorevoli. Huwa saħaq dwar l-importanza li l-kunsilli lokali jtejbu l-operat tagħhom fl-użu sew tal-fondi pubbliċi nazzjonali u fondi Ewropej.

Tkellem ukoll dwar is-sehem importanti li l-kunsilli lokali għandhom fit-tisħiħ tas-sliem u l-paċi fl-Ewropa, fil-Mediterran u bnadi oħra fid-dinja. Dan jista' jsir permezz ta' ġemellaġġi u programmi ta' koperazzjoni fost diversi lokalitajiet fl-Ewropa u pajjiżi oħra. L-Ispeaker enfażizza l-irwol tal-kunsilli lokali u saħaq biex jaħdmu flimkien il-proġett Ewropew sabiex jibqa' b'saħħtu u naraw li fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Mejju ma jkunx hemm aktar qawmien populist.

Din is-seduta ġiet indirizzata wkoll mill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Owen Bonnici, mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet Silvio Parnis, mill-Kelliem tal-Oppożizzjoni dwar l-Anzjanita' Attiva, Persuni b'Diżabilità u l-Ġlieda kontra d-Dipendenzi u l-



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Vizzji Maria Deguara, u l-Kelliem tal-Oppożizzjoni dwar l-Akkomodazzjoni Soċjali, Faqar u Esklużjoni Soċjali Ivan Bartolo.